# Seduta plenarja

16-10-2026 - 15:55
20261008BRI48072

Parlament Ewropew

# Newsletter dwar is-sessjoni plenarja Strasburgu 19-22 Ottubru 2026

**Il-Parlament jivvaluta l-Kunsill Ewropew ta' Ottubru**
L-Erbgħa filgħodu, il-Membri tal-PE se jivvalutaw l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru mal-Presidenti Ursula von der Leyen u António Costa. 4

**Ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov 2026 jitħabbar il-Ħamis**
Il-President Metsola se tħabbar ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2026 il-Ħamis, wara deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament. 5

**Appoġġ tal-UE għall-Qorti Kriminali Internazzjonali**
It-Tlieta, il-Parlament se jiddibatti l-appoġġ tal-UE għall-ġustizzja internazzjonali u r-rispons tagħha għas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Qorti Kriminali Internazzjonali. 6

**Il-programm Erasmus+ 2028-2034**
L-Erbgħa, il-MPE se jiddibattu l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet baġitarji tal-programm Erasmus+ 2028-2034, segwiti minn votazzjoni l-Ħamis. 7

**Infurzar aħjar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-UE**
It-Tlieta, il-PE mistenni jagħti l-approvazzjoni finali għar-regoli aġġornati tal-UE biex jittejbu l-protezzjoni u l-informazzjoni li jirċievu l-passiġġieri jekk l-ivvjaġġar jiġi mfixkel. 8

**Il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit**
It-Tlieta, il-MPE se jiddibattu s-summit li jmiss bejn l-UE u r-Renju Unit fl-20 ta' Novembru ma' rappreżentanti tal-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea. 9

**Il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia: Il-PE jiddiskuti d-dewmien fil-ġustizzja**
Disa' snin wara l-assassinju tal-ġurnalista, il-MPE u l-Kummissjoni se jiddiskutu l-iżviluppi fil-każ ġudizzjarju u l-istat tad-dritt f'Malta, l-Erbgħa. 10

**Sustanzi kimiċi: simplifikazzjoni tar-regoli dwar il-kożmetiċi, il-fertilizzanti u t-tikkettar**
Il-Ħamis il-MPE huma mistennija japprovaw bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-UE sustanzi kimiċi  għal aktar flessibbiltà filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. 11

**Ekonomija ċirkolari u regoli dwar skart mill-imballaġġ, il-batteriji u t-tessuti**
Il-MPE se jivvutaw dwar is-sospensjoni ta’ obbligi imposti fuq kumpaniji biex jiżguraw il-ġestjoni tal-prodotti tagħhom ladarba jintremew u jiddiskutu l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari. 12

**Il-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-baġit tal-UE għall-2027**
L-Erbgħa, il-MPE se jivvutaw dwar iċ-ċifri baġitarji u riżoluzzjoni dwar il-baġit tal-2027 qabel in-negozjati mal-Kunsill. 13

**Għajnuna għal Malta, il-Portugall, Spanja u l-Italja wara maltempati distruttivi**
L-Erbgħa, il-Parlament huwa mistenni li jillibera għajnuna b’valur ta’ €489 miljun biex jgħin lill-erba’ pajjiżi jirkupraw wara maltempati severi u għargħar aktar kmieni fl-2026. 14


http://www.europarl.europa.eu/news/mt/agenda/plenary-news/2026-10-19

.

## Għal aktar informazzjoni

Aġenda proviżorja
Ara is-sessjoni plenarja bil-webstreaming
Konferenzi stampa u avvenimenti oħra
EP Multimedia Centre
Ġabra ta’ materjal tal-Parlament Ewropew għall-istampa

## Kuntatti


Andreas KLEINER
Press Officer / Editorial Coordinator (DE)
+32 228 32266 (BXL)
+32 498 98 33 22
andreas.kleiner@europarl.europa.eu

Estefanía NARRILLOS
Press Officer / Editorial Coordinator (ES)
+32 228 31324 (BXL)
+32 498 98 39 85
estefania.narrillos@europarl.europa.eu

Anna ZAMMIT VELLA
Press Officer in Malta
(+356) 23 425 314
(+33) 3 881 53014 (STR)
(+356) 992 671 89
anna.zammit@europarl.europa.eu

# Il-Parlament jivvaluta l-Kunsill Ewropew ta' Ottubru

## L-Erbgħa filgħodu, il-Membri tal-PE se jivvalutaw l-eżitu tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru mal-Presidenti Ursula von der Leyen u António Costa.

Matul il-laqgħa tagħhom fi Brussell fil-15 u s-16 ta' Ottubru, il-kapijiet ta' stat jew ta' gvern ser jiddiskutu l-proposta tal-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2028-2034 tal-UE, kif tista' tissaħħaħ il-kompetittività ekonomika tal-Ewropa, l-appoġġ kontinwu għall-Ukrajna fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani. Il-mexxejja tal-UE ser jiffukaw ukoll fuq id-difiża u s-sigurtà Ewropej, modi kif jiġu ġestiti l-flussi migratorji u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-fruntieri, u t-tkabbir tal-UE.

Matul is-sessjoni plenarja tas-6 ta' Ottubru, il-Membri tal-PE ddiskutew l-aspettattivi tagħhom għas-summit mal-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen u Thomas Byrne għall-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill.

# Ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov 2026 jitħabbar il-Ħamis

## Il-President Metsola se tħabbar ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2026 il-Ħamis, wara deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament.

F'votazzjoni nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru fis-19.30, il-Membri tal-PE fil-Kumitati għall-Affarijiet Barranin u l-Iżvilupp se jagħżlu tliet finalisti għall-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2026 minn lista ta' nomini mfassla mill-gruppi politiċi fil-Parlament aktar kmieni f'Ottubru.

Nhar il-Ħamis filgħodu, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Parlament (il-President tal-PE u l-mexxejja tal-gruppi politiċi) se tagħżel ir-rebbieħ tal-2026. Il-President Roberta Metsola mbagħad tħabbar ir-rebbieħ f'nofsinhar fil-kamra plenarja.

Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet se ssir fis-16 ta' Diċembru fi Strasburgu.

**L-isfond**

Il-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb ilu jingħata kull sena mill-Parlament mill-1988, lil individwi, gruppi jew organizzazzjonijiet b'rikonoxximent tal-impenn eċċellenti tagħhom għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà tal-espressjoni jew id-difiża tal-valuri demokratiċi.

# Appoġġ tal-UE għall-Qorti Kriminali Internazzjonali

## It-Tlieta, il-Parlament se jiddibatti l-appoġġ tal-UE għall-ġustizzja internazzjonali u r-rispons tagħha għas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Qorti Kriminali Internazzjonali.

Fid-9 ta' Ottubru, il-gvern tal-Istati Uniti ħabbar sanzjonijiet kontra l-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI), filwaqt li akkużaha b'politiċizzazzjoni u b'immirar inġust ta' ċittadini tal-Istati Uniti għal prosekuzzjonijiet ta' delitti tal-gwerra. Sal-lum, l-Istati Uniti imponew sanzjonijiet fuq 17-il individwu affiljati mal-QKI. L-aħħar miżuri, fost azzjonijiet oħra, se jiffriżaw kwalunkwe assi tal-QKI miżmuma fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Uniti.

Il-Membri tal-PE ripetutament ikkritikaw il-kampanja tal-Istati Uniti kontra l-QKI. Fid-dikjarazzjoni l-aktar reċenti tagħhom, maħruġa fid-9 ta' Ottubru, il-Membri ewlenin tal-PE kkundannaw is-sanzjonijiet bħala "attakk inaċċettabbli fuq il-pedamenti tal-ġustizzja internazzjonali" u appellaw lill-UE biex turi solidarjetà attiva mal-QKI u l-persunal tagħha.

Fid-dikjarazzjoni tagħha tal-10 ta' Ottubru, il-kap tal-politika barranija tal-UE Kaja Kallas wissiet li t-theddid kontra l-Qorti mhuwiex aċċettabbli. Is-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres ikkritika bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Istati Uniti, u ddeskriva s-sanzjonijiet bħala "daqqa ta' ħarta serja għall-insegwiment kollettiv tagħna tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, li l-QKI hija pilastru ewlieni tagħha".

Stabbilita fl-2002, il-QKI hija qorti internazzjonali li għandha l-mandat li tħarrek individwi akkużati b'ġenoċidju, delitti kontra l-umanità, delitti tal-gwerra u d-delitt ta' aggressjoni.

# Il-programm Erasmus+ 2028-2034

## L-Erbgħa, il-MPE se jiddibattu l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet baġitarji tal-programm Erasmus+ 2028-2034, segwiti minn votazzjoni l-Ħamis.

F'test approvat mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Membri tal-PE jfittxu li jiżguraw li l-programm Erasmus+ li jmiss ikun aktar aċċessibbli għal aktar żgħażagħ minn sfondi ekonomiċi, soċjali, ġeografiċi u kulturali differenti. Huma jgħidu li huwa meħtieġ baġit ta' mill-inqas EUR 47 biljun, meta mqabbel mal-EUR 40 biljun proposti mill-Kummissjoni Ewropea, u jipproponu allokazzjonijiet ċari għal oqsma ta' politika definiti: l-edukazzjoni u t-taħriġ (74,6 %), iż-żgħażagħ u l-volontarjat (15 %), u l-isport (4,1 %). Il-Membri tal-PE jargumentaw li l-għotjiet għandhom iqisu l-ispejjeż tal-għajxien, il-prezzijiet tal-akkomodazzjoni, l-inflazzjoni u l-kapaċità tal-akkwist, li jvarjaw bejn il-pajjiżi ospitanti, ir-reġjuni u l-bliet. Huma jenfasizzaw ukoll li l-boroż ta' studju f'oqsma strateġiċi għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Kompetittività jew mill-programm Orizzont Ewropa, mingħajr ma jiġu riallokati fondi minn oqsma ewlenin tal-Erasmus+.

Ladarba l-plenarja tadotta l-pożizzjoni tagħha, il-Membri tal-PE se jkunu lesti jiftħu taħditiet mal-Kunsill dwar l-istruttura u l-baġit tal-programm Erasmus+ għall-2028 sal-2034.

# Infurzar aħjar tad-drittijiet tal-passiġġieri fl-UE

## It-Tlieta, il-PE mistenni jagħti l-approvazzjoni finali għar-regoli aġġornati tal-UE biex jittejbu l-protezzjoni u l-informazzjoni li jirċievu l-passiġġieri jekk l-ivvjaġġar jiġi mfixkel.

Il-liġi l-ġdida, maqbula mal-Kunsill f'Ġunju 2026, tiċċara r-regoli dwar ir-rimborż fil-każ ta' kanċellazzjonijiet meta t-titjiriet jiġu bbukkjati permezz ta' intermedjarju. Il-passiġġieri huma intitolati li jirċievu rimborż sħiħ, inkluż ta' kwalunkwe tariffa ta' intermedjazzjoni, u l-intermedjarji se jkunu meħtieġa jinfurmaw lill-passiġġieri fil-ħin tal-prenotazzjoni dwar l-arranġamenti ta' rimborż applikabbli.

Formoli standardizzati għat-talbiet għal rimborż u kumpens se jkunu disponibbli fil-lingwi kollha għat-tipi kollha ta' vjaġġar, biex ikun aktar faċli għall-passiġġieri li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Il-leġiżlazzjoni ssaħħaħ ukoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u tal-persuni b'mobbiltà mnaqqsa billi tippermetti lil persuna li takkumpanjahom tivvjaġġa fuq titjira magħhom mingħajr ħlas jekk il-preżenza tagħhom tkun meħtieġa.

**L-isfond**

Fl-2023, il-Kummissjoni ppreżentat aġġornament tar-regoli tal-UE li jirregolaw id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bl-ajru, bil-ferrovija, bil-baħar, fuq passaġġi fuq l-ilma interni, bix-xarabank jew bil-kowċ, bħala parti mill-pakkett dwar il-mobbiltà tal-passiġġieri. Il-Parlament adotta aġġornament speċifiku tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru aktar kmieni fl-2026.

Madwar 13-il biljun passiġġier li jivvjaġġaw bl-ajru, bil-ferrovija, bil-kowċ, bix-xarabank jew bil-lanċa fl-UE kull sena huma koperti mid-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE. Din iċ-ċifra hija mistennija li tilħaq 15-il biljun sal-2030 u kważi 20 biljun sal-2050.

# Il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit

## It-Tlieta, il-MPE se jiddibattu s-summit li jmiss bejn l-UE u r-Renju Unit fl-20 ta' Novembru ma' rappreżentanti tal-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea.

Fl-20 ta' Novembru, il-President tal-Kunsill Ewropew António Costa u l-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen ser jospitaw lill-Prim Ministru tar-Renju Unit Andy Burnham għat-tieni summit bejn l-UE u r-Renju Unit fi Brussell. Il-laqgħa ser tkun opportunità għall-UE u r-Renju Unit biex isaħħu s-sħubija strateġika tagħhom. Il-mexxejja mistennija jqisu l-progress li sar mill-ewwel summit f'Londra fl-2025, inkluż dwar kwistjonijiet bħad-difiża u s-sigurtà, l-enerġija, ir-regoli agroalimentari, il-klima, il-kuntatti bejn il-persuni, il-migrazzjoni, u l-infurzar tal-liġi. Is-summit ser ikun ukoll okkażjoni biex jiġu diskussi l-passi li jmiss fir-relazzjonijiet bilaterali.

Matul id-dibattitu, il-Membri tal-PE se jiddeskrivu l-aspettattivi tagħhom għas-summit u l-fehmiet tagħhom dwar il-futur tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit.

# Il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia: Il-PE jiddiskuti d-dewmien fil-ġustizzja

## Disa' snin wara l-assassinju tal-ġurnalista, il-MPE u l-Kummissjoni se jiddiskutu l-iżviluppi fil-każ ġudizzjarju u l-istat tad-dritt f'Malta, l-Erbgħa.

Daphne Caruana Galizia nqatlet f'attakk b'karozza bomba fis-16 ta' Ottubru 2017. Il-protesti dwar it-trattament ħażin tal-investigazzjoni mill-awtoritajiet fl-aħħar mill-aħħar wasslu għar-riżenja tal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Joseph Muscat.

Ħames persuni ntbagħtu l-ħabs minħabba r-rwol tagħhom fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, iżda l-moħħ wara l-assassinju għad irid jiġi kkundannat. Kritiċi dwar in-nuqqasijiet fl-investigazzjoni, diġà f'Diċembru 2019 il-Membri tal-PE talbu lill-Kummissjoni Ewropea tieħu azzjoni. Minn dak iż-żmien 'l hawn, huma rrevedew il-kwistjoni regolarment – inkluż f'riżoluzzjoni tal-2023 li tikkundanna l-progress limitat fit-tressiq ta' dawk responsabbli quddiem il-ġustizzja.

**Premju Daphne Caruana Galizia għall-Ġurnaliżmu – ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet**

Ir-rebbieħ tal-Premju Daphne Caruana Galizia għall-Ġurnaliżmu se jitħabbar nhar l-Erbgħa fis-18.00, 21 ta' Ottubru, fil-Parlament fi Strasburgu. Għaxar investigazzjonijiet intgħażlu, minn rekord ta' 344 sottomissjoni. Il-premju ta' €20,000 jirrikonoxxi l-ġurnaliżmu eċċellenti li jiddefendi l-valuri tal-UE u juri l-appoġġ tal-Parlament għall-ġurnaliżmu investigattiv u stampa ħielsa.

# Sustanzi kimiċi: simplifikazzjoni tar-regoli dwar il-kożmetiċi, il-fertilizzanti u t-tikkettar

## Il-Ħamis il-MPE huma mistennija japprovaw bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-UE sustanzi kimiċi  għal aktar flessibbiltà filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

Il-bidliet, li diġà ntlaħaq qbil proviżorju dwarhom mal-Kunsill u li għandhom jiġu aġġornati l-Ħamis filgħodu, jaġġornaw id-dispożizzjonijiet relatati mal-prodotti kożmetiċi, il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ, u t-tikkettar tas-sustanzi kimiċi (CLP), u l-prodotti fertilizzanti. Il-ftehim jiżgura tikkettar faċli biex jinqara mill-konsumaturi, u rtirar aktar mgħaġġel mis-suq tal-kożmetiċi b'sustanzi karċinoġeniċi, mutaġeniċi u tossiċi għar-riproduzzjoni milli pproponiet oriġinarjament il-Kummissjoni

**L-isfond**

L-"omnibus dwar is-sustanzi kimiċi" huwa parti minn sforzi usa' biex jiġu ssimplifikati l-liġijiet tal-UE u jittaffew il-piżijiet amministrattivi, filwaqt li n-negozji jiġu megħjuna jinnovaw u jikbru, f'konformità mar-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività tal-UE.

L-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE tikkonsisti f'29,000 kumpanija, li jipprovdu 1,2 miljun impjieg dirett u jappoġġaw 19-il miljun persuna fil-ktajjen tal-provvista kollha. Skont il-Kummissjoni, il-miżuri proposti biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-konformità u jittaffa l-piż amministrattiv għandhom jiffrankaw lill-industrija mill-inqas EUR 363 miljun fis-sena. F'Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll pjan ta' azzjoni Ewropew għall-industrija tas-sustanzi kimiċi.

# Ekonomija ċirkolari u regoli dwar skart mill-imballaġġ, il-batteriji u t-tessuti

## Il-MPE se jivvutaw dwar is-sospensjoni ta' obbligi imposti fuq kumpaniji biex jiżguraw il-ġestjoni tal-prodotti tagħhom ladarba jintremew u jiddiskutu l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

Skont il-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar l-iskart, il-produtturi li jġibu l-prodotti fis-suq tal-UE jħallsu tariffi li jgħinu biex ikopru l-kost tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ ta' dawn il-prodotti ladarba jsiru skart (magħrufa bħala responsabbiltà estiża tal-produttur, jew EPR). Ir-regoli fis-seħħ jagħtuhom ukoll mandat biex jaħtru rappreżentant awtorizzat għall-obbligi tal-EPR f'kull Stat Membru fejn ibigħu l-prodotti tagħhom. Biex jitnaqqsu l-ostakli fis-suq uniku tal-UE, il-Kummissjoni pproponiet li tissospendi dan l-obbligu għal leġiżlazzjoni li għandha impatt fuq il-batteriji, l-imballaġġ, it-tessuti, iż-żraben, l-elettronika u l-plastik li jintuża darba biss.

Fil-pożizzjoni adottata mill-Kumitat għall-Ambjent, il-Membri tal-PE appoġġaw sospensjoni aktar immirata li tapplika biss għall-intrapriżi żgħar u mikro bbażati fl-UE (inqas minn 50 impjegat u fatturat annwali jew karta tal-bilanċ taħt l-EUR 10 miljun) u sal-2035, jew sakemm jiġi adottat Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari aktar komprensiv.

Il-Membri tal-PE se jiddibattu l-leġiżlazzjoni t-Tnejn, segwit minn votazzjoni dwar il-pożizzjoni tal-Parlament it-Tlieta. Jekk jiġi adottat, il-Parlament ikun lest għan-negozjati mal-istati membri dwar il-forma finali tal-liġi.

F'dibattitu separat mal-Kunsill u l-Kummissjoni l-Erbgħa, il-Membri tal-PE se jippreżentaw il-prijoritajiet tagħhom għall-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li jmiss, biex jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-Ewropa, jagħtu spinta lill-kompetittività, u jagħmlu l-ħajja tal-Ewropej aktar affordabbli.

# Il-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-baġit tal-UE għall-2027

## L-Erbgħa, il-MPE se jivvutaw dwar iċ-ċifri baġitarji u riżoluzzjoni dwar il-baġit tal-2027 qabel in-negozjati mal-Kunsill.

Il-Membri tal-PE għandhom l-għan li jirrestawraw il-EUR 1 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 501.8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament imnaqqsa mill-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu, filwaqt li jipproponu wkoll li jiżdiedu EUR 1.17 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn għal diversi programmi meta mqabbla mal-abbozz tal-baġit tal-UE għall-2027 tal-Kummissjoni. Huma jipproponu finanzjament addizzjonali għall-programm ta’ riċerka Orizzont Ewropa, in-networks tat-trasport u tal-enerġija, EU4Health u Erasmus+, l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ u l-agrikoltura, l-adattament għat-tibdil fil-klima, u t-tisħiħ tal-finanzjament biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal diżastri naturali u emerġenzi.

Il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, il-mobbiltà militari, u l-appoġġ għall-politiki tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-UE, kif ukoll l-għajnuna umanitarja, jidhru wkoll fil-prijoritajiet baġitarji tal-Parlament għall-2027. Fl-aħħar nett, il-Membri tal-PE jridu li l-ħlasijiet lura tad-dejn tal-UE jiġu ffinanzjati mingħajr ma jitnaqqas il-finanzjament għal programmi ewlenin.

# Għajnuna għal Malta, il-Portugall, Spanja u l-Italja wara maltempati distruttivi

## L-Erbgħa, il-Parlament huwa mistenni li jillibera għajnuna b'valur ta' €489 miljun biex jgħin lill-erba' pajjiżi jirkupraw wara maltempati severi u għargħar aktar kmieni fl-2026.

Il-finanzjament mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) se jiffinanzja operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza u rkupru, inkluż ir-restawr tal-infrastruttura essenzjali u tas-servizzi pubbliċi, u operazzjonijiet ta' tindif, wara l-maltempata Harry f'Jannar 2026 f'Malta u fl-Italja, u l-maltempati f'Jannar u fi Frar 2026 fil-Portugall u fi Spanja.

It-tqassim tal-finanzjament propost huwa kif ġej:

- Il-Portugall: €261.5 miljun;
- Spanja: €149.1 miljun;
- l-Italja: EUR 74.9 miljun;
- Malta: €3.7 miljun.

Mill-2002, il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE pprovda aktar minn €11-il biljun f'għajnuna b'reazzjoni għal 150 avveniment ta' diżastru, inklużi 130 diżastru naturali u 20 emerġenza tas-saħħa, f'25 Stat Membru (inkluż ir-Renju Unit) u sitt pajjiżi ta' adeżjoni.